# Il-Ħadd 17.01.2016

1. Illum 17/01, **Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**:
   - Fil-11:00am - Tberik u Ftuħ ta' Esebizzjoni Pawlina fil-Każin San Pawl.
     Ħinjiet: Matul il-ġimgħa 18-22/01: 6:30pm - 10:30pm;
     Is-Sibt 23/01: 10:00am - 10:30pm; Il-Ħadd 24/01: 10:00am - 01:30pm.
   - Fis-2:00pm - *Treasure Hunt* f'Ħal Safi marbuta ma' San Pawl, organizzata mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ. It-tfal imħeġġin jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

2. It-Tnejn 18/01:
   - Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara bit-tema:
     ***Imsejħin biex ixxandru l-għemejjel setgħana tal-Mulej*** *(ara 1 Pietru 2, 9).*
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.
     Issir fil-kappella tal-Museum tas-Subien.

3. It-Tlieta 19/01:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

4. Il-Ħamis 21/01:
   - Fis-6:30pm - Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara fil-Knisja ta' San Nikola (l-Erwieħ), Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, u li għaliha jattendi l-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Il-Ġimgħa 22/01, **Pellegrinaġġ għall-Katidral tal-Imdina ddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl fis-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tal-Ħniena:**
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-6:30pm - Ċelebrazzjoni fil-Bieb tal-Ħniena.
   - Fis-6:45pm - Niċċelebraw il-Quddiesa.
     Tluq fis-5:40pm u nkunu lura għat-8:15pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers. (Filgħaxija ma jkollniex il-quddiesa fil-knisja parrokkjali.)

6. Is-Sibt 23/01:
   - Mit-8:30am sad-9:00am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fil-5:30pm, nistedinkom biex ningħaqdu flimkien fil-knisja kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta għaċ-ċerimonja tal-vestizzjoni tiegħi (tal-Kappillan Dun David Farrugia) u ta' 2 saċerdoti oħra - Dun Stefan Galea u Dun Dillon Bugeja - bħala kanonċi onorarji ġodda tal-kapitlu ta' din il-kolleġġata, fejn nitlibbsu r-rukkett, il-muzzetta, s-salib pettorali u l-berettin. Fis-6:00pm niċċelebraw quddiesa kkonċelebrata u wara nassistu għall-ħruġ tal-vara titulari ta' San Pawl min-niċċa.

7. Il-Ħadd 24/01:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - Is-*Safi Drama Group*, bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjonijiet taż-Żgħażagħ u tal-Armar tal-Każin San Pawl ser itellgħu reċta fis-Sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi bl-isem **'Meta ġie jżurna Paul'**. Kulħadd mistieden.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji Għarajjes li ser jiżżewġu matul din is-sena, 2016.

**P.T.O. =>**

8. It-Tnejn 25/01, **Solennità tal-Konverżjoni ta' San Pawl**:
   - Tagħlaq il-ġimgħa ta' talb iddedikata għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.
   - Fil-5:30pm - Ir-Rużarju.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Mons. Charles Attard, Direttur tal-Moviment ta' Kana u Eks-Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żurrieq (2006-2016), u animata mill-Kor '*Sine Macula'*, li fl-aħħar tagħha tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.
   - Fis-7:30pm - Il-Banda San Pawl tagħmel marċ fit-toroq tar-raħal.
     *Dan dejjem jekk l-ajru jkun jippermetti.*

9. Avviżi oħra:
   - Il-Każin Banda San Pawl jinfurmakom li l-Ħadd 24/01, xi membri ser ikunu qed jiġbru xi envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm. Grazzi bil-quddiem.

10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 152 mill-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja
     u r-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl;
   - € 1,375 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.